MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 14/2013

**Darren Mallia K.I. 65276M**
**eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Shwarz Sports Nutrition**

**vs.**

**Keith Scerri u**
**Health Plaza Limited**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2013, fejn l-attur talab ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' tliet mija u erbatax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€314.46) u fejn intqal:

> Peress illi r-rikorrenti kien daħal fi ftehim mal-intimati datat 24 ta' Jannar 2007, riferibbilmet għal vetrina (*glass show case*) li tinsab fil-ħanut Health Plus, Ħamrun ġestit mill-intimati.

U peress illi din il-vetrina, proprjetà tar-rikorrent, ġiet severament danneġġjata bil-ħġieġ tagħha waqt li kienet fil-pussess tal-intimati, li kellhom l-obbligu li jaraw li ma ssirx din il-ħsara lill-vetrina msemmija.

U peress li għalhekk l-intimati għandhom iħallsu l-valur ta' din il-vetrina lir-rikorrent, peress li ġiet reża *beyond economical repair*, ossia s-somma ta' tliet mija u erbatax-il ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€314.46) (ekwivalenti għal Lm135).

U peress illi l-intimati ġew interpellati sabiex iħallsu din is-somma lir-rikorrent iżda baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex dan it-Tribunal m'għandux:

1) Jiddikjarahom responsabbli għall-ħsara sofferta fit-vetrina (*glass show case*) proprjetà tar-rikorrent mertu ta' din il-kawża, u jiddikjara li din il-vetrina ġiet reża *beyond economical repair;*

2) Jikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mija u erbatax-il Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (EUR314.46).

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-intimati inġunti għas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta tal-konvenuti** ppreżentata fit-13 ta' Frar 2013, fejn huma eċċepew:

Illi t-talba mressqa mill-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant qiegħda tiġi kkontestata għal raġunijiet u xhieda li ser tingħata fil-każ tas-smigħ tal-każ in kwistjoni.

Bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet.

Sema’ lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kawża.

Ra l-verbal tat 28 ta’ Frar 2014, illi permezz tiegħu l-kawża ġiet imħollija għas-seduta odjerna għas-sentenza.

**Fatti**

Din il-kawża titratta vettrina li l-attur issupplixxa lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fiha jkunu jistgħu jiġu murija l-prodotti ta’ nutrizzjoni sportiva suppliti mill-attur, sabiex jiġu mibjugħa mill-konvenuti fl-ispiżerija tagħhom.

**Provi**

L-attur xehed kif din kienet vettrina ġdida li huwa kien xtraha mingħand Alfen Displays, u fil-fatt kienu ta’ Alfen Display stess li kienu installawha fl-ispiżerija tal-konvenuti. Huwa spjega li din kienet vettrina kollha tal-ħġieġ għajr għas-saqaf u għall-bażi tagħha, li kienu tal-injam. Il-kumplament tal-vettrina kienet tal-ħġieġ 5mm tat-tip *tempered*. Huwa spjega li fuq talba tal-konvenuti huwa kien ġabar l-expired items minn ġo din il-vettrina, iżda l-vettrina ma setax jiġborha stante li kellu bżonn ta’ vann biex seta jagħmel dan. Ammetta li kien dam xahar jew xahrejn biex sussegwentement ġabar ukoll il-vettrina, iżda jinsisti li hu ma kienx marbut b’terminu biex jagħmel dan. Qal illi dak in-nhar li ġabar l-expired items huwa seta’ josserva li l-vettrina kellha ħġieġa miksura. Sakemm finalment ġabar il-vettrina din kellha panel minn wara miksur, żewġ panels minn quddiem u żewġ panels tal-ġnub.

Il-konvenut spjega illi l-vettina kien fiha xi *chippings* u li l-attur ma kienx sewwiha u lanqas ma qallu li kienet responsabilta tiegħu (tal-konvenut) li jsewwiha. Huwa kien tal-fehma li l-obbligu tiegħu kien li jżomm il-prodotii fi stat tajjeb, u kien in retroxena li fehem li l-attur riedu wkoll iżomm l-istat tajjeb tal-vettrina. Spjega li kienu għaddew diversi xhur minn meta l-attur ġabar il-prodotti mill-vettrina sakemm effettivament ġabar ukoll il-vettrina. Huwa qal li fis-7 t’Awwissu il-maid li kienet qed tnaddaf il-ħanut, ċaqalqet il-vettrina biex tkun tista’ tnaddaf taħtha u nkissret ħġieġa waħda. Huwa nforma lill-attur li nkisret ħġieġa waħda mill-vettrina u talbu biex ifittex jiġborha. Wara tliet ġimgħat, peress li ħass li din il-vettrina kienet ta’ periklu għall-pubbliku, ma setax iħalliha fl-ispiżerija u għalhekk ried iniżżilha fil-*basement*. Xehed li meta tnejn min-nies tiegħu kienu qed iġorruha bil-mod, “f’daqqa waħda kkrollat f’daqqa u kkollassat fuqha nnifisha”.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal iqis li l-istat oriġinali tal-vettrina kien ta' vettrina ġdida u dana stante li kien suffiċjentement ippruvat illi l-attur akkwista din il-vettrina mingħand Alfen Displays fid-19 ta' Jannar 2007 u l-ftehim bejn il-partijiet ġie milħuq fl-24 ta' Jannar 2007, u cioe kwistjoni ta' ftit jiem biss wara.

Illi għalhekk it-Tribunal iqis li l-argument tal-konvenuti li l-vettrina minn dejjem kellha ċ-chippings, ma jreġiex fis-sens illi jekk dan kien il-każ, allura l-konvenuti kellhom jieħdu ħsieb li ssir rimarka f'dan is-sens fil-ftehim ta' bejniethom, sabiex huma jkunu jistgħu jiġu eżonerati mir-responsabbilta`.

Dwar l-oġġetti li kienu f'din il-vettrina m'hemm l-ebda kontestazzjoni, minkejja li nġabu diversi dokumenti rigwardanti l-prodotti. It-talba tirrigwarda il-vettrina *per se* u dana għaliex sakemm din kienet fil-pussess tal-konvenuti, saritilha ħsara konsiderevoli.

Prinċiparjament il-pern tal-kwistjoni hija l-interpretazzjoni tas-segwenti klawżola fil-ftehim bejn il-partijiet: *"Furthermore, it is the responsibility of the purchaser to see that the show cases are maintained in good and presentable state".*

It-Tribunal huwa tal-fehma illi minn dan il-kliem, kien ċar illi l-konvenuti kienu responsabbli għaż-żamma tal-vettrina fi stat tajjeb, u dan oltre r-responsabbilta` tagħhom fuq il-prodotti. Anke fin-nuqqas ta' qbil tal-partijiet dwar l-interpretazzjoni tad-dettatura tal-klawżola, it-Tribunal iqis illi anke fil-każ illi l-ftehim ma kien jgħid xejn dwar min kellu r-responsabbilta għaż-żamma tajba tal-vettrina, u cioe kieku din il-klawżola ċċitata ma kinitx inkluża fli-ftehim, ir-responsabbilta` xorta waħda kienet tkun tal-konvenuti u dana jirriżulta mill-prinċipji ġenerali tal-liġi tagħna dwar ir-responsabbilta`. Fit-tmiem tar-relazzjoni bejn il-partijiet, il-vettrina ma kellhiex danni li jirriżultaw mill-użu tal-oġġett, dak l-hekk imsejjaħ *fair wear and tear*, iżda kienet miksura b'tali mod li ma setgħetx tintuża.

Madankollu it-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax ukoll id-dewmien li ħa l-attur biex imur jiġbor din il-vettrina mill-fond tal-konvenuti. Jirriżulta mill-emails skambjati u esebiti (fol. 17) illi l-attur sas-27 ta' Jannar 2012 kien diġa ġabar il-prodotti mingħand il-konvenuti. Iżda sa Awwissu tal-istess sena, kien għadu ma ġabarx l-istess vettrina – dewmien ta' mill-inqas seba' xhur. Huwa minnu li l-ftehim bejn il-partijiet ma jistipulax l-ebda żmien biex tinġabar il-vettrina, imma ċertament fil-fehma tat-Tribunal seba' xhur mhuwiex perjodu raġjonevoli, u kienu ġustifikati l-konvenuti li jneħħu vettrina vojta mill-ispiżerija. Vettrina vojta ma kinitx ħlief eye-sore u ħela ta' spazju fl-ispiżerija, u f'ċertu punt meta kellha ħġieġa miksura, kienet ukoll ta' periklu.

Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi dan l-aġir tal-attur jissarraf f'negliġenza kontributorja u jnaqqas mir-responsabbilta' tal-konvenuti.

L-attur jargumenta illi huwa ġabar il-vettrina xi xahar wara l-pagament għas-saldu. Jirriżulta mill-atti li l-pagament kien sar fis-7 ta' Mejju 2012. Għaldaqstant m'huwiex minnu li l-vettrina ġabarha xahar biss wara, iżda laħqu għaddew ċirka erba' xhur. Inoltre, din il-kondizzjoni li għamel l-attur, li jiġbor il-vettrina wara li jsir il-pagament għas-saldu, kienet kondizzjoni imposta unilateralment u ma kinitx miftiehma *a priori* miż-żewġ partijiet.

Il-valur tal-vettrina huwa ċert u dana għaliex ġew preżentati kemm il-fattura relattiva u wkoll l-irċevuta fejn il-prezz tal-vettrina huwa ndikat bħala s-somma ta' Lm135, ekwivalenti għal €314.46, sewwasew l-ammont pretiż mill-attur. Anke l-ftehim milħuq bejn il-partijiet jindika l-valur tal-vettrina bħal Lm135.

It-Tribunal ġie mitlub mill-konvenut jikkonsidra d-deprezzament fil-prezz tal-vettrina. Iżda t-Tribunal ma jaqbilx għaliex m'huwiex tal-fehma illi l-attur jista' jakkwista vettrina simili bi prezz iktar baxx minn dak pretiż.

Tenut ta' dan kollu suespost, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenuti huma responsabbli għall-ħsarat imġarrba fil-vettrina meta dina kienet fil-kustodja tagħhom. Iżda, it-Tribunal *arbitrio bono viri* qiegħed jiffissa r-rata ta' tletin fil-mija (30%) bħala r-rata ta' negliġenza kontributorja kkważata fuq il-vettrina mill-attur stess.

**Deċide**

In vista tas-suespost, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi iżda limitatament għas-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220), u konsegwentement qiegħed jordna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro.

L-imgħax legali jiddekorri mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu in kwantu sebgħin fil-mija (70%) mill-konvenuti u tletin fil-mija (30%) mill-attur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------